MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 752/2009

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

William Whyte (passaport numru JS 313844).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, mitejn u tmienja u sittin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€2268.78) minghand il-konvenut, liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut ghal servizzi rezi lilu mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 34890 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Mejju 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dan l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa (i) illi preliminarjament ghadu mhux notifikat validament bit-talba ghaliex huwa barrani illi ma huwiex residenti la Malta u lanqas fl-Unjoni Ewropeja; (ii) illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lill-attrici; (iii) illi bla pregudizzju ghas-suespost, ma inghatax servizz lill-konvenut kif allegat fit-talba; (iv) illi bla pregudizzju ghas-suespost il-konvenut bhala barrani gie avzat hazin dwar liema tariffi u/jew servizzi kienu l-aktar konvenjenti ghall-bzonnijiet tieghu. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz. Bl-ispejjes kontra l-attrici illi r-rapprezentanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti mill-partijiet fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Sema t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Ra l-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu 2010 fejn il-kawza giet differita ghal sentenza in parte dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu kif kontenuta fir-risposta tieghu stess, il-konvenut qed jecepixxi li huwa ghadu ma giex notifikat validament bit-talba ghaliex huwa barrani illi ma huwiex residenti la Malta u lanqas fl-Unjoni Ewropeja.

Illi in sostenn ta' din l-eccezzjoni l-konvenut ezebixxa kopja tal-passaport tieghu fejn jidher li huwa 'British Citizen', u ezebixxa wkoll dokument mahrug mill-Malta Financial Services Centre, datat 18 ta' Settembru 2002, fejn hemm imnizzel li l-konvenut huwa 'a *non resident in terms of the Exchange Control Act'*.

Illi minn-naha taghha, s-socjeta' attrici esebiet kopja ta-kuntratt iffirmat mill-konvenut stess fejn talab is-servizz in

kwistjoni minghand is-socjeta' attrici, u fejn hemm imnizzel indirizz tieghu hawn Malta, u cioe 31 A.E. Caruana Street, Birkirkara. Gie esebit ukoll prospett tal-kontijiet kollha li gew mibghuta lill-konvenut bejn il-perjodu Awissu tas-sena 2002 sa Dicembru tas-sena 2010, liema kontijiet sa Marzu tas-sena 2009 kienu qedin jigu jithallsu.

Illi t-Tribunal josserva li fit-timbru li jidher fuq l-Avviz, hemm imnizzel car li l-konvenut William Whyte stess gie notifikat u accetta l-Avviz tat-Talba fl-24 ta' Settembru 2009. Sussegwentement jidher li huwa qabbad avukat sabiex jirrispondi ghat-talba li kienet qed issir kontra tieghu, u sahansitra pprezenta r-risposta tieghu fejn ta diversi eccezzjonijiet ghalfejn it-talba attrici m'ghandhiex tigi milqugha. Huwa car ghalhekk li l-konvenut gie notifikat validament ai termini tal-Artikolu 187 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ma jista' bl-ebda mod joggezzjoni ghal tali notifika jew iqajjem l-eccezzjoni ta' validita' o meno tan-notifika tieghu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u jordna l-prosegwiment tal-kawza, bl-ispejjes ta' din l-istanza kontra l-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------